

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14104/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0343(COD)

CODEC 1359
ECOFIN 1155
PE 109

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew
(Brussell, mill-14 sat-18 ta' Diċembru 2020)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Johan VAN OVERTVELDT (ECR, BE), ippropona li l-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq tiġi adottata mingħajr emendi f'isem il-Kumitat għall-Baġits. Ma tressqet l-ebda emenda minn kwalunkwe grupp politiku.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fil-15 ta' Diċembru 2020, il-plenarja adottat mingħajr emendi l-proposta għal Deċiżjoni imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tivvota favur iż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment (COM(2020)0774 – C9-0378/2020 – 2020/0343(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0774),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0378/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0253/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0343

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2020 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota favur iż-żieda fil-kapital awtorizzat tal-Fond Ewropew tal-Investment

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2020.

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(2) tal-Istatuti tal-Fond Ewropew tal-Investment (il-‘Fond’) jipprovdi li l-kapital awtorizzat tal-Fond jista’ jiżdied b’deċiżjoni tal-Laqqha Ġenerali tal-Fond (il-“Laqqha Ġenerali”) li taġixxi b’maġġoranza ta’ -85 % tal-voti mitfugħa.
- (2) Meta jitqies l-impatt mistenni tal-kriżi tal-COVID-19 u bil-ħsieb li jikkontribwixxi għar-rispons tal-Unjoni u tal-Fond għall-kriżi permezz tal-implimentazzjoni tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-Programm InvestEU bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 u permezz ta’ aktar żvilupp tar-rwol tal-Fond fil-ġestjoni tal-programmi nazzjonali u reġjonali, huwa meħtieġ li jiżdied immedjatament il-kapital awtorizzat tal-Fond b’EUR 2 870 000 000.

- (3) Il-Bord tad-Diretturi tal-Fond (il-“Bord tad-Diretturi”) ddeċieda li jissottometti talba lil-Laqgħa Ġenerali għall-approvazzjoni sabiex iżżid il-kapital awtorizzat tal-Fond b’EUR 2 870 000 000 permezz tal-ħruġ ta’ 2 870 sehem ġdid u għall-approvazzjoni tal-arranġamenti, inkluż għall-ħlas, għal tali żieda fil-kapital. Jekk iż-żieda fil-kapital tiġi approvata, kull sehem ġdid ikollu valur nominali ta’ EUR 1 000 000 u kull sehem sottoskritt jitħallas sa 20 % tal-valur nominali tiegħu. Ikun possibbli li l-Laqgħa Ġenerali titlob il-ħlas tat-80 % li jifdal skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(3) tal-Istatuti tal-Fond. L-ishma kollha, kemm jekk ikunu eżistenti kif ukoll jekk ikunu għadhom kif inħarġu, se jkunu ta’ valur ugwali u jkollhom drittijiet ugwali fl-aspetti kollha.
- (4) Il-Bord tad-Diretturi ppropona li l-ishma awtorizzati ġodda jkunu disponibbli għas-sottoskrizzjoni matul perjodu wieħed ta’ sottoskrizzjoni li jibda minnufih mal-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital mil-Laqgħa Ġenerali u jintemm fit-30 ta’ Settembru 2021. L-Unjoni se tkun tista’ tipparteċipa fis-sottoskrizzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċizzjoni tal-Laqgħa Ġenerali ladarba jidħol fis-seħħ l-att ġuridiku li japprova l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żieda fil-kapital.

- (5) Sabiex ir-rappreżentant tal-Unjoni fil-Laqgħa Ġenerali jkun jista' jivvota dwar iż-żieda fil-kapital malajr kemm jista' jkun, jitqies li huwa xieraq li ssir eċċezzjoni għall-perjodi ta' tmien ġimgħat u ta' għaxart ijiem imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tivvota, f'isem l-Unjoni, fil-Laqgħa Ġenerali tal-Fond Ewropew tal-Investment favur iż-żieda proposta ta' EUR 2 870 000 000 fil-kapital awtorizzat tal-Fond.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President